MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2008

Talba Numru. 464/2007

**Godwin Vella (ID 328663 M)**

**Vs**

**Patricia Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta` Mejju, 2007 fejn intalab li l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta` sitt mitt lira maltija (Lm600), illum ekwivalenti ghal €1,397.62c, rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati fil-vettura u fond proprjeta` ta` l-attur tramite l-agir tal-konvenuta nhar it-22 ta` Marzu, 2007.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-konvenuta datata 28 ta` Gunju, 2007 fejn ikkontestat t-talba attrici fis-sens illi ma hux minnu li hija kkawzat il-hsarat allegati u lanqas ma kien minnu li dahlet fir-residenza ta` l-attur. Tkompli

tafferma li l-incident in kwistjoni gie pprovokat mill-istess attur meta huwa kkawza hsarat fil-vettura tal-konvenuta, ghal liema hsara l-konvenuta kienet qed tfittxu ghalihom tramite kontro-talba.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Illi in kontro-talba prezentata kontestwalment mar-risposta taghha, l-konvenuta qieghdha titlob sabiex l-attur jigi kkundannat ihallasha s-somma ta` Lm293.58c, illum ekwivalenti ghal €683.85c (Euro), rapprezentanti valur ta` hsarat kawzati mill-attur fuq il-vettura tal-konvenuta.

Bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata u bl-ispejjez kontra l-attur ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta prezentata mill-attur datata 11 ta` Lulju, 2007 fil-konfront tal-kontro-talba dedotta kontra tieghu fejn ikkontesta l-istess kontro-talba b’mod generika fil-waqt li allega li l-ammont reklamat kien ezagerat.

Bl-ispejjez kontra l-istess konvenuta.

Ezamina l-provi prodotti nkluz id-dokumenti ezebiti.

Sema` t-trattazzjoni orali ta` l-abbli difensuri tal-konvenuta.

Ikkunsidra.

Illi l-kaz jikkoncerna talba ghal hsarat kawzati fil-proprjeta` reciproka tal-partijiet f’incident li nqala` bejniethom nhar it-22 ta` Marzu, 2007. Ma hux kontestat li fil-fatt kien sehh dan l-incident bejniethom ghalkemm inqala` dubbju fuq id-data preciza ta` l-istess u huwa rrilevanti ghal finijiet ta` dan il-kaz min bdieh jew min ipprovokah. Iz-zewg partijiet qed jallegaw li sofrew hsarat fil-proprjeta` taghhom minn id il-parti l-ohra u sta ghal dan it-Tribunal jiddeciedi x’kienu effettivament dawk l-effetti mobbli li sofrew hsara u x’kien il-valur ta` l-istess hsara. Dana qed jinghad peress illi kulhadd ghandu jigi tenut responsabbli tal-hsarat kawzati

mill-agir volontarju jew negligenti tieghu u hadd ma hu intitolat li jiehu l-ligi b'idejh.

Fix-xhieda guramentata tieghu l-attur ighid li sab hsara fil-vann tieghu wara argument li kellu mal-konvenuta u fejn din ta` l-ahhar kienet anke proprja hedditu li sejra tikkawzalu tali hsara. Kellu hsara fil-head lamps ta` quddiem, mirja tal-gnub u windscreen ta` quddiem u wara. Huwa fil-fatt ra b'ghajnejh lill-istess konvenuta taghti b'bicca ghodda tal-hadid fuq il-vann tieghu. In segwitu hija bdiet tuza din l-ghodda anke fuq il-bieb ta` barra tieghu u bdiet taghti fuqu sakemm gew il-pulizija. In sostenn tal-kontenut, tax-xhieda tieghu u kif ukoll bhala prova tal-valur tal-hsarat kawzati l-attur ipprezenta sett dokumenti li jikkonsistu f'survey report fuq il-vettura in kwistjoni a fol. 18, ricevuta tal-parts a fol. 19, ritratti li juru daqqiet fuq il-vann a fol. 20 u 21, rapport u stima peritali dwar il-hsarat fir-residenza ta` l-attur a fol. 22 u 23 tal-process u ritratti fuq il-hsarat fir-residenza a fol. 25 et seq tal-process u fl-ahhar nett ricevuta fiskali tal-motor surveyor a fol. 28 tal-process. Walter Vella, il-motor surveyor ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu u zamm ferm fil-mistoqsijiet li sarulu in kontro-ezami kif l-istess jista` jinghad ukoll ghal Perit Joseph Attard.

PS 342 Johann Said xehed li dan l-incident gara fit-18 ta` Marzu u mhux fit-22 ta` Marzu. Dan jinsab ukoll rifless fir-rapport peritali. Huwa jafferma li hekk kif wasal fuq il-post in kwistjoni cioe` fejn ir-residenza ta` l-attur, ra lill-konvenuta, li gharafha prezenti fl-Awla hierga mill-fond numru 44. Ra wkoll li f'idejha kellha apparat konsistenti f'salib biex jaqla` l-boltijiet tat-tyres u xi demm. Hija stqarret mieghu li kellha argument ma` l-attur u li dan ta` l-ahhar kien ikkawza hsara fil-vettura taghha. Stqarret ukoll pero` li fl-argument kienet saret xi hsara fil-proprjeta` ta` l-attur. Meta kellem lill-attur dan ta` l-ahhar kien qallu li l-konvenuta kienet ikkawzat hsara fil-proprjeta` tieghu waqt argument li kellhom. Dan il-pulizija ha notament tal-hsarat li kkonstata dak in-nhar b'ghajnejh fil-proprjeta` taz-zewg partijiet u fil-fatt dawn jinsabu riflessi fir-rapport tieghu, Dok. JS1. Huwa jikkonferma wkoll li ra b'ghajnejh il-hsarat li jidhru fir-ritratti ezebiti mill-attur. In kontro-ezami dan is-

Surgent jerga` jikkonferma ghal darba tnejn li huwa kien ra lill-konvenuta niezla mit-tarag intern komuni tal-blokk fejn kien joqghod l-attur. Illi jekk wiehed jara r-rapport ta` dan is-Surgent li nizzel x'qalulu z-zewg partijiet a tempo vergine, jiehu stampa cara ta` x'gara dak in-nhar bejn iz-zewg partijiet u kwindi ftit li xejn ikun hemm x'izzid fuq l-istess. Dan jinsab anke kkonfermat minn WPC 169 Doris Camilleri li affermat ukoll li lill-konvenuta ratha gewwa fl-indana tal-post ta` l-attur.

Il-konvenuta tallega li l-ewwel hsara giet ikkawzata mill-attur meta tefa` gebla fuq il-vettura taghha u kisrilha l-windscreen. Ezebiet anke ritratti ta` dan il-windscreen mifqugh u l-ircevuti tal-valur tal-hsarat a fol. 61 et seq. Wara li kisrilha l-windscreen u tefa` lill-konvenuta ma` l-art, l-attur dahal fl-appartament tieghu. Meta l-konvenuta rat hekk hija tammetti li qabdet bicca ghodda tal-hadid u bdiet taghti fuq il-vettura ta` l-attur bil-konsegwenza naturali li kkawzatlu l-hsara. Hija tafferma pero` li l-vann ta` l-attur kien fi stat hazin, bil-kemm jinstaq u li fil-fatt kien xtrah ghal prezz ta` Lm100 biss.

Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta ppruvat minghajr ebda dubbju anzi jirrizulta ammess miz-zewg partijiet li huma fil-fatt ikkawzaw hsarat fil-proprjeta` tal-parti l-ohra. Illi t-Tribunal jinsab soddisfatt ukoll li l-konvenuta kkawzat hsarat mhux biss fil-vettura ta` l-attur izda anke f'partijiet tar-residenza tieghu. Illi dwar il-kwantum tal-hsara reklamata dawn jinsabu kkonfortati permezz ta` l-ircevuti u / jew stimi relattivi. Dwar il-hsara fil-proprjeta` residenzjali ta` l-attur ghalkemm ma gew prodotti ebda ricevuti, jinghad pero` li l-istima rappurtata mill-Perit Attard hija aktar gholja minn dak li qed jitlob l-attur wara li taqta` barra il-valur tal-hsara fil-vettura riflessa fis-survey report. Illi ghalhekk dan it-Tribunal sejjer jaccetta *arbitrio buon viri* l-ammonti mitluba mill-attur peress illi jirrizulta li huwa sofra hsara ta` certu entita` sew fil-vettura tieghu u kif ukoll f'partijiet mill-fond residenzjali tieghu u li l-ammonti mitluba ghandhom jitqiesu ragjonevoli u certament mhux ezagerati.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fl-ewwel lok jirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, kwindi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta` €1,397.62c (Euro) gia` Lm600, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` dana l-att u bl-ispejjez kollha kif mitluba a karigu ta` l-istess konvenuta u fl-istess hin u fit-tieni lok tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-attur ghal kontro-talba tal-konvenuta, kwindi tilqa` t-talbiet tal-konvenuta in kontro-talba u konsegwentement tikkundanna lill-attur sabiex ihallas lill-konvenuta s-somma rikjesta ta` €683.85c (Euro) gia` Lm293.58c, bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta` l-att tal-kontro-talba u bl-ispejjez ta` l-istess kontro-talba kontra l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------